MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 278/2011

**Multigas Sales Limited**

**vs**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar 1-24 ta' Awissu 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef, erba mija u zewgt Ewro, tmenin centezmu (€4,402.80) rapprezentanti bejgh ta' gassijiet fosthom ossignu mediku, arja medicinali, nitrous oxide, entonos, carbon dioxide u arja konpressata, kif ukoll il-kirja bil-quddiem ghas sena 2010 tac-cilindri propjeta ta' l-attrici li fihom kienu kontenuti il-gassijiet mibjughin, mitluba mis-socjeta konvenuta u moghti mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li rappresentant taghha huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija ta' Santa Vennera, w il-Kunsill Lokali ta' St Vennera u fl-indirizz tas-socjeta konvenuta gewwa Santa Vennera fid-19 ta' Dicembru 2011, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Julian Caruana datati 22 ta' Dicembru 2011.

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-3 ta' Jannar 2012 u fil-gazzetta lokali The Times of Malta nhar il-18 ta' Jannar 2012 u fin-Nazzjoni fl-20 ta' Jannar 2012.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2012 rappresentant tas-socjeta konvenuta gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi ghalhekk il-Qorti pposponiet il-kawza ghas-sentenza ghalllum stess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, erba mija u zewgt Ewro, tmenin centezmu (€4,402.80) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------